

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 673/2003**ta' l-14 ta' April 2003****li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1143/98, (KE) Nru 1279/98, (KE) Nru 1128/1999, (KE) Nru 1247/1999 u (KE) Nru 140/2003 f'dak li jirrigwardja ċerti kwoti ta' tariffi għall-prodotti taċ-ċanga u l-vitella fil-Polonja**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkonsidrat it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkonsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1254/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 rigward l-organizzazzjoni komuni tas-suq fiċ-ċanga u l-vitella ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2345/2001 ⁽²⁾, u partikolarment l-Artikolu 32(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Protokoll approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/263/KE tas-27 ta' Marzu 2003 li tikkonċerna l-konklużjoni ta' Protokoll li jaġġusta l-aspetti tal-kummerċ fil-Ftehim Ewropew li jstabilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa l-waħda, u l-Polonja, minn naħa l-oħra, sabiex jittieħed akkont ta' l-eżitu tan-negozjati bejn il-Partijiet dwar konċessjonijiet agrikoli reċiproki ⁽³⁾ jipprovdni għal konċessjonijiet ġodda fir-rigward ta' l-importazzjoni ta' ċerti prodotti taċ-ċanga u l-vitella li jidhru fil-kwoti ta' tariffa miftuħa minn dak il-Ftehim. Dawn japplikaw mill-1 ta' April 2003.
- (2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1143/98 tat-2 ta' Ġunju 1998 li jstabilixxi regoli dettaljati għal kwota tat-tariffa fuq il-baqar u l-ġhoġiela ta' razez speċjali tal-muntanji li joriġinaw f'pajjiżi terzi varji, apparti minn dawk għall-qatla, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1012/98 ⁽⁴⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1096/2001 ⁽⁵⁾, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1279/98 tad-19 ta' Ġunju 1998 li jstabilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' kwoti ta' tariffa għaċ-ċanga u l-vitella li hemm provvediment dwarhom fir-Regolamenti (KE) Nru 2290/2000, (KE) Nru 2433/2000, (KE) Nru 2434/2000, (KE) Nru 2851/2000 u (KE) Nru 1408/2002 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/18/KE għall-Bulgarija, r-Repubblika Ċeka, r-Repubblika Slovakkja, ir-Rumanija, ir-Repubblika tal-Polonja u r-Repubblika u ta' l-Ungerija ⁽⁶⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 529/2003 ⁽⁷⁾, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1128/1999 tat-28 ta' Mejju 1999 li jstabilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' kwota tat-tariffa għall-ġhoġiela li jiżnu mhux iktar minn 80 kilogramma u li joriġinaw f'ċerti pajjiżi terzi ⁽⁸⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 529/2003, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1247/1999 tas-16 ta' Ġunju 1999 li jstabilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' kwota tat-tariffa għall-annimali bovini ħajjin li jiżnu bejn 80 sa 300 kilogramma u li joriġinaw f'ċerti pajjiżi terzi ⁽⁹⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 529/2003, u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 140/2003 tas-27 ta' Jannar 2003 li jiddetermina l-persentaġġ ta' kwantitajiet li jkun mħollija fir-rigward ta' l-applikazzjonijiet għal liċenzja ta' l-importazzjoni ippreżentata f'Jannar 2003 permezz tal-kwota ta' tariffa għaċ-ċanga u l-vitella li hemm provvediment dwarha fir-Regolament (KE) Nru 1279/98 għar-Repubblika tal-Polonja, għar-Repubblika ta' l-Ungerija, għar-Repubblika Ċeka, għall-Islovakkja, għal-Bulgarija u għar-Rumanija ⁽¹⁰⁾, kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 529/2003, għandu għalhekk ikun emendat b'effett mill-1 ta' April 2003.
- (3) Il-miżuri provvduti f'dan ir-Regolament huma b'mod konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat tat-Tmexxija tal-Laħam taċ-ċanga u l-Vitella,

⁽¹⁾ ĠU L 160, tas-26.6.1999, p. 21.⁽²⁾ ĠU L 315, ta' l-1.12.2001, p. 29.⁽³⁾ Ara paġna 53 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.⁽⁴⁾ ĠU L 159, tat-3.6.1998, p. 14.⁽⁵⁾ ĠU L 150, tas-6.6.2001, p. 33.⁽⁶⁾ ĠU L 176, ta' l-20.6.1998, p. 12.⁽⁷⁾ ĠU L 78, tal-25.3.2003, p. 5.⁽⁸⁾ ĠU L 135, tad-29.5.1999, p. 50.⁽⁹⁾ ĠU L 150, tas-17.6.1999, p. 18.⁽¹⁰⁾ ĠU L 23, tat-28.1.2003, p. 6.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament (KE) Nru 1143/98 it-tabella hija mibdula bit-tabella li ġejja:

	"Numru Serjali ⁽¹⁾ Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Volum tal-kwota (rjus)	Dazju doganali
09.4563	ex 0102 90 05 ex 0102 90 29 ex 0102 90 49 ex 0102 90 59 ex 0102 90 69	Baqar u għoġġiela apparti milli għall-qatla tar-razzez tal-muntanji: griżi, kannella, sofor, imtebba, Simmental u Pinzgau	7 000	6 % <i>ad valorem</i> ⁽²⁾

⁽¹⁾ Għal kodiċi Taric: ara l-Anness II.

⁽²⁾ Eżenzjoni mir-rata applikabbli għall-annimali li joriġinaw fil-Polonja."

Artikolu 2

Ir-Regolament (KE) Nru 1279/98 qiegħed jiġi emendat kif ġej:

1. It-Titolu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1279/98 tad-19 ta' Ġunju 1998 li jstabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' kwoti ta' tariffa għaċ-ċanga u l-vitella li hemm provvediment dwarhom fir-Regolamenti (KE) Nru 2290/2000, (KE) Nru 2433/2000, (KE) Nru 2434/2000, u (KE) Nru 1408/2002 u d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2003/18/KE u 2003/263/KE għall-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika Slovakka, l-Ungerija, ir-Rumanija, u l-Polonja.";

2. L-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 1 huwa mibdul b'dan li ġej:

"Liċenzji ta' l-importazzjoni għandhom ikunu ppreżentati għall-importazzjoni fil-Komunità tal-prodotti elenkati fl-Anness I t'hawnhekk permezz tal-kwoti li hemm provvediment dwarhom fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2290/2000 (*), (KE) Nru 2433/2000 (**), (KE) Nru 2434/2000 (***), u (KE) Nru 1408/2002 (****) u d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2003/18/KE (*****) u 2003/263/KE (*****).

(*) ĠU L 262, tas-17.10.2000, p. 1.

(**) ĠU L 280, ta' l-4.11.2000, p. 1.

(***) ĠU L 280, ta' l-4.11.2000, p. 9.

(****) ĠU L 205, tat-2.8.2002, p. 9.

(*****) ĠU L 8, ta' l-14.1.2003, p. 18.

(*****) ĠU L 97, tal-15.4.2003, p. 53.";

3. Fl-Artikolu 3(1), it-tieni subparagrafu huwa mibdul b'dan li ġej:

"Grupp ta' prodotti fit-tifsira tal-punt (c) għandu jfisser:

- jew li l-prodotti li jidħlu fil-kodiċi NM 0201 jew 0202 li joriġinaw f'wieħed mill-pajjiżi elenkati fl-Anness I,
- jew il-prodotti li jidħlu fil-kodiċi 0206 10 95, 0206 29 91, 0210 20 10, 0210 20 90, 0210 99 51, 0210 99 59 jew 0210 99 90 li joriġinaw fl-Ungerija,
- jew il-prodotti li jidħlu fil-kodiċi NM 0206 10 95, 0206 29 91, 0210 20 jew 0210 99 51 li joriġinaw fir-Rumanija,
- jew il-prodotti li jidħlu fil-kodiċi NM 1602 50 10 li joriġinaw fil-Polonja,
- jew il-prodotti li jidħlu fil-kodiċi NM 1602 50 li joriġinaw fir-Rumanija.";

4. L-Anness I huwa mibdul bit-test fl-Anness ma' hawn.

Artikolu 3

L-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) No 1128/1999 jiġi mibdul b'dan li ġej:

"2. Għall-kwantità referuta fil-paragrafu 1, ir-rata tad-dazju doganali għandha tkun:

- imnaqqa bi 80 % għall-annimali li joriġinaw fir-Repubblika Ċeka, fis-Slovakkja, fil-Bulgarija, fl-Estonja, fil-Latvja u fil-Litwanja,
- imnaqqa bi 90 % għall-annimali li joriġinaw fl-Ungerija u fir-Rumanija,
- abolit għall-annimali li joriġinaw fil-Polonja."

Artikolu 4

L-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE) No 1247/1999 jiġi mibdul b'dan li ġej:

“2. Għall-kwantità referuta fil-paragrafu 1, ir-rata tad-dazju doganali għandha tkun:

- imnaqqsqa bi 80 % għall-annimali li joriġinaw fir-Repubblika Ċeka, fis-Slovakkja, fil-Bulgarija, fl-Estonja, fil-Latvja u fil-Litwanja,
- imnaqqsqa bi 90 % għall-annimali li joriġinaw fl-Ungerija u fir-Rumanija,
- abolit għall-annimali li joriġinaw fil-Polonja.”

Artikolu 5

Fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE) Nru 140/2003, il-punt (c) huwa mibdul b'dan li ġej:

“(c) 4 800 tunnellata għal ċanga u vitella li jidħlu fil-kodiċi NM 0201, 0202 u 1602 50 10 li joriġinaw fil-Polonja.”

Artikolu 6

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*. Għandu jkun japplika mill-1 ta' April 2003.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-14 ta' April 2003.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

ANNEX
"ANNEX I

Konċesjonijiet applikabbli għal-importazzjoni fil-Komunità ta' ċerti prodotti li joriġinaw f'ċerti pajjiżi

(PIF = dazji għal pajjiż l-iktar favorit)

Pajjiż ta' l-oriġini	Numru serjali	Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata tad-dazju applikabbli (% ta' l-MFN)	Kwantità annwali mill-1.7.2002 sal-30.6.2003 (tunnellati)	Kwantità annwali mill-1.7.2003 sal-30.6.2004 (tunnellati)	Żieda annwali mill-1.7.2004 (tunnellati)
L-Ungerija	09.4707	0201 0202	Laħam ta' l-annimali bovini, frisk, imkessaħ jew iffriżat	B'xejn	13 655	15 020	1 365
	09.4774	0206 10 95	Raċanċ tajjeb għall-ikel ta' l-annimali bovini, frisk jew imkessaħ, appartu milli l-frixa l-ħoxna u l-frixa l-irqieqa	B'xejn	1 000	1 100	100
		0206 29 91	Raċanċ tajjeb għall-ikel ta' l-annimali bovini, iffriżat, appartu milli l-frixa l-ħoxna u l-frixa l-irqieqa				
		0210 20 10	Laħam ta' l-annimali bovini, mmellaħ jew fis-salmura, mqadded jew iffumigat.				
		0210 20 90	Laħam ta' l-annimali bovini, mmellaħ jew fis-salmura, mqadded jew iffumigat.				
		0210 99 51	Il-frixa l-ħoxna u l-frixa l-irqieqa ta' l-annimali bovini				
0210 99 59	Raċanċ ieħor ta' l-annimali bovini						
0210 99 90	Tqiq jew smida tajbin għall-ikel tal-laħam jew tar-raċanċ						
Il-Polonja	09.4824	0201 0202	Laħam ta' l-annimali bovini, frisk, imkessaħ jew iffriżat	B'xejn	19 200	20 800	1 600
		1602 50	Laħam, raċanċ jew demm ieħor, ippreprata jew ippreservat ta' — l-annimali bovini — mhux imsajjar: taħlitiet ta' laħam jew raċanċ imsajjar u laħam jew raċanċ mhux imsajjar				
Ir-Repubblika Ċeka	09.4623	0201 0202	Laħam ta' l-annimali bovini, frisk, imkessaħ jew iffriżat	20	3 500	3 500	0
Is-Slovakkja	09.4624	0201 0202	Laħam ta' l-annimali bovini, frisk, imkessaħ jew iffriżat	20	3 500	3 500	0
R-Rumanija	09.4753	0201 0202	Laħam ta' l-annimali bovini, frisk, imkessaħ jew iffriżat	B'xejn	3 500	4 000	0
	09.4765	0206 10 95	Il-frixa l-ħoxna u l-frixa l-irqieqa ta' l-annimali bovini, tajba għall-ikel, friska jew imkessħa	B'xejn	50	100	0
		0206 29 91	Il-frixa l-ħoxna u l-frixa l-irqieqa ta' l-annimali bovini, tajba għall-ikel, iffriżata				
		0210 20	Laħam ta' l-annimali bovini, mmellaħ jew fis-salmura, mqadded jew iffumigat				
0210 99 51	Il-frixa l-ħoxna u l-frixa l-irqieqa ta' l-annimali bovini						
09.4768	1602 50	Laħam jew raċanċ ta' l-annimali bovini, ippreparat jew ippreservat	B'xejn	250	500	0	
Il-Bulgarija	09.4651	0201 0202	Laħam ta' l-annimali bovini, frisk, imkessaħ jew iffriżat	20	250	250	0"